Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2640

10.10.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2640

tad-9 ta' Ottubru 2024

li jemenda u li jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-aċidu difluworoaċetiku (DFA), għall-fluwopiram u għall-flupiradifuron f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a), tiegħu,

Billi:

(1) Għas-sustanzi attivi l-1,4-dimetilnaftalen, l-aċidu difluworoaċetiku (DFA), il-fluwopiram u l-flupiradifuron, il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Fir-rigward tal-1,4-dimetilnaftalen, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti fil-patata. Barra minn hekk, l-applikant ressaq informazzjoni, li qabel ma kinitx disponibbli matul ir-rieżami tal-MRLs għal din is-sustanza mwettaq skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dwar in-natura tar-residwu fil-komoditajiet ipproċessati għall-patata u dwar il-metodi analitiċi għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(3) F'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Istat Membru konċernat evalwa din l-applikazzjoni u għadda r-rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni. Fir-rapport ta' evalwazzjoni, l-Istat Membru vvaluta l-piż alimentari tal-bhejjem filwaqt li qies il-konsum tal-bhejjem tal-komoditajiet prodotti mill-patata u ppropona li jitnaqqsu xi wħud mill-MRLs eżistenti għall-1,4-dimetilnaftalen fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn mammiferi u li jiżdiedu l-MRLs għal dik is-sustanza fil-"komoditajiet mill-pollam" u fil-"bajd tal-għasafar".

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni. Eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjoni motivata dwar l-MRLs proposti ([2]). L-Awtorità għaddiet l-opinjoni motivata tagħha lill-applikant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u għamlitha disponibbli għall-pubbliku.

(5) Fir-rigward tal-informazzjoni li qabel ma kinitx disponibbli u li tressqet mill-applikant dwar in-natura tar-residwu fil-komoditajiet ipproċessati għall-patata u dwar il-metodi analitiċi għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali, l-Awtorità kkonkludiet li dawn il-lakuni fid-*data* ġew indirizzati b'mod suffiċjenti.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżit li titressaq informazzjoni addizzjonali jitħassar mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fir-rigward tal-patata u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.
([2]) EFSA 2023. Modification of the existing maximum residue levels for 1,4-dimethylnaphthalene in potatoes (*EFSA Journal* 2023, 21(8), 1–37, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8190).

(7) Fir-rigward tal-modifiki tal-MRLs għall-1,4-dimetilnaftalen fil-patata, fix-xaħam tal-ħnieżer, fil-prodotti l-oħrajn li ġejjin mill-ħnieżer, fil-"komoditajiet mill-bovini", fil-muskoli tan-nagħaġ, fix-xaħam tan-nagħaġ, fil-fwied tan-nagħaġ, fil-ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ (għajr il-fwied u l-kliewi), fil-prodotti l-oħrajn li ġejjin min-nagħaġ, fil-muskoli tal-mogħoż, fix-xaħam tal-mogħoż, fil-fwied tal-mogħoż, fil-ġewwieni li jittiekel tal-mogħoż (għajr il-fwied u l-kliewi), fil-prodotti l-oħrajn li ġejjin mill-mogħoż, fil-"komoditajiet mill-ekwini", fil-"komoditajiet mill-pollam", fil-"ħalib" u fil-"bajd tal-għasafar" mitluba mill-applikant, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha tad-*data* kienu ġew issodisfati u li dawn il-modifiki kienu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp speċifiku Ewropew tal-konsumaturi. L-Awtorità qieset l-aktar informazzjoni reċenti dwar il-karatteristiċi tossikoloġiċi tas-sustanza. La l-esponiment tul il-ħajja għal dik is-sustanza mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dik is-sustanza, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba l-konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma juri li hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

(8) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità ma rrakkomandatx MRLs speċifiċi għall-kategoriji "ġewwieni li jittiekel (għajr il-fwied u l-kliewi)" tad-diversi gruppi tal-prodotti tal-annimali.

(9) Biex ikun żgurat li dawk l-MRLs jiġu stabbiliti f'livell realistiku, jixraq li dawn jiġu stabbiliti fl-ogħla MRL applikabbli għal wieħed mill-prodotti f'dak l-istess grupp ta' prodotti.

(10) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità ma rrakkomandatx MRLs speċifiċi għall-grupp "komoditajiet minn annimali oħrajn tar-razzett".

(11) Peress li dawk l-MRLs normalment jiġu stabbiliti fl-istess valuri bħal dawk għall-grupp tal-ispeċijiet tar-ruminanti bl-inqas MRLs, huwa xieraq li dawk l-MRLs jiġu stabbiliti fl-istess livell tal-MRLs għall-grupp "komoditajiet mill-bovini".

(12) Fir-rigward tal-fluwopiram, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRL eżistenti għall-fluwopiram fiż-żerriegħa tal-qara' aħmar.

(13) Stat Membru għamel talba biex dik l-applikazzjoni tuża l-proċedura rapida, prevista fil-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs ([3]), biex jistabbilixxi MRL ibbażat fuq provi tar-residwi fuq iż-żerriegħa tal-lift.

(14) L-Awtorità vvalutat il-provi tar-residwi fuq iż-żerriegħa tal-lift fil-qafas tar-rieżami tal-MRL eżistenti għall-fluwopiram, u tat opinjoni motivata dwar l-MRL propost ([4]). Dik l-opinjoni tissejjes fuq l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali dwar is-suġġett. Billi jixraq li mir-riżultati tal-provi tar-residwi fuq iż-żerriegħa tal-lift jiġu estrapolati r-riżultati għaż-żerriegħa tal-qara' ħamra, fi qbil mal-Linji Gwida Tekniċi dwar l-estrapolazzjoni tal-MRLs ([5]), mhuwiex meħtieġ li l-Awtorità tintalab tagħti opinjoni motivata speċifikament dwar iż-żerriegħa tal-qara' aħmar.

(15) Għalhekk jixraq li l-MRL għall-fluwopiram fiż-żerriegħa tal-qara' aħmar jiġi stabbilit għal 0,4 mg/kg abbażi tal-provi tar-residwi mwettqa fuq iż-żerriegħa tal-lift.

(16) Tressqu żewġ applikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għad-DFA u għall-flupiradifuron li jitolbu modifika tal-MRLs eżistenti għall-"frott taċ-ċitru", għaċ-ċiras (ħelu), għall-"frott tal-kannamiela", għall-"frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor", għall-"brassika bil-weraq", għall-"ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu", għaż-żerriegħa tal-ġirasol, għax-xgħir, għall-qamħirrum, għall-qamħirrum, għall-millieġ komuni, għall-ħafur, għas-segala, għall-qamħ, għall-pitravi taz-zokkor, għall-għeruq taċ-ċikwejra u għall-għasel. Dawk l-applikazzjonijiet talbu wkoll li jiġu stabbiliti t-tolleranzi tal-importazzjoni għal dawk is-sustanzi użati fl-Awstralja, fil-Brażil u fl-Istati Uniti fuq frott taċ-ċitru ieħor, fuq il-macadamia, fuq il-"frott tal-għadma", fuq l-avokado, fuq il-mango, fuq il-papaja, fuq l-ispraġ, fuq iż-żerriegħa tal-ġunġlien, fuq iż-żerriegħa tal-ġirasol, fuq ix-xgħir, fuq il-qamħirrum, fuq il-millieġ komuni, fuq il-ħafur, fuq is-segala u fuq il-qamħ skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-applikanti taw *data* li turi li l-użi tad-DFA u tal-flupiradifuron fuq dawk l-għalla li huma awtorizzati fl-Awstralja, fil-Brażil u fl-Istati Uniti jwasslu għal residwi li jaqbżu l-MRLs stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 u li jkunu meħtieġa MRLs ogħla biex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali meta jiġu importati dawn l-għelejjel.

([3]) Il-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRLs f'konformità mal-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (SANTE/2015/10595 Rev. 6.1).

([4]) EFSA 2020. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for fluopyram according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 (*EFSA Journal* 2020;18(4):6059, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6059).

([5]) Linji gwida tekniċi dwar ir-rekwiżiti tad-*data* għall-istabbiliment tal-livelli massimi ta' residwi, il-komparabbiltà tal-provi tar-residwi u l-estrapolazzjoni tad-*data* dwar ir-residwi fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali (SANTE/2019/12752–Rev 1 – 10 ta' Mejju 2023).

(17) F'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Istat Membru kkonċernat evalwa dawk l-applikazzjoni u għadda r-rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni. Fir-rapport ta' evalwazzjoni, l-Istat Membru vvaluta l-piż alimentari tal-bhejjem filwaqt li qies il-konsum tal-bhejjem tal-komoditajiet prodotti minn dawk l-għelejjel, u ppropona li jiżdiedu xi wħud mill-MRLs eżistenti għad-DFA u għall-flupiradifuron fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(18) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti ([6]). Għaddiet l-opinjonijiet motivati tagħha lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u ppubblikathom.

(19) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* mressqa mill-applikant dwar il-flupiradifuron u d-DFA fil-grejpfrut u fil-larinġ ma kinitx biżżejjed biex jiġu stabbiliti MRLs ġodda. L-Awtorità kkonkludiet li l-valuri eżistenti tal-MRL tal-flupiradifuron fil-lumi, fl-ixkomp, fil-mandolin, fil-macadamia, fil-mirtill, fil-"frott tal-kannamieli", fl-avokado, fl-ispraġ, fix-xgħir, fil-qamħirrum, fil-qamħ, fil-pitravi taz-zokkor, u fl-għeruq taċ-ċikwejra u tad-DFA fil-grejpfrut, fil-larinġ, fit-tut, fil-lampun, fil-"frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor", fil-"ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu", fix-xgħir, fil-millieġ komuni, fil-qamħ u fl-għasel ma għandhomx bżonn jinbidlu.

(20) L-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni għad-DFA fl-għelejjel rotazzjonali mill-maniġers tar-riskju fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti MRLs filwaqt li jitqiesu mhux biss it-trattament dirett fuq dawk l-għelejjel iżda wkoll ir-residwi li mistennija jiġu assorbiti mill-għeruq. Peress li l-istudji juru li fl-għelejjel rotazzjonali, l-assorbiment tar-residwi tad-DFA mill-ħamrija, li ġejjin minn għelejjel preċedenti, ma jistax jiġi evitat għalkollox, huwa xieraq li jiġu stabbiliti MRLs li qed jirriflettu kemm it-trattament dirett kif ukoll dan l-assorbiment tar-residwi mill-ħamrija. Dan huwa rilevanti għall-kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, għall-kale, għall-"brassica bil-weraq, oħrajn", għaż-żerriegħa tal-ġunġlien, għaż-żerriegħa tal-ġirasol, għall-qamħirrum, għall-ħafur, għas-segala, għall-pitravi taz-zokkor u għall-għeruq taċ-ċikwejra.

(21) L-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni għall-flupiradifuron fil-kale mill-maniġers tar-riskju fir-rigward tal-possibbiltà li jitnaqqas l-MRL eżistenti, f'konformità mat-talba tal-applikant, abbażi tal-provi l-ġodda tar-residwi li tressqu. Peress li l-provi l-ġodda tar-residwi previsti għall-flupiradifuron fil-kale huma bbażati fuq l-istess Prattiki Agrikoli Tajbin bħall-MRL eżistenti, jixraq li l-MRL jitnaqqas minn 5 mg/kg għal 4 mg/kg abbażi tal-aktar *data* reċenti u kompluta mogħtija.

(22) L-Awtorità kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni għall-flupiradifuron fiż-żerriegħa tal-ġirasol mill-maniġers tar-riskju dwar jekk jiġix stabbilit l-MRL il-ġdid fil-livell ta' 0,8 mg/kg, kif derivat mill-Awtorità abbażi tal-valutazzjoni tal-provi tar-residwi fuq iż-żerriegħa tal-ġirasol mressqa mill-Istati Uniti, jew fuq l-MRL ta' 0,7 mg/kg, li huwa fis-seħħ fl-Istati Uniti li hu l-pajjiż tal-esportazzjoni.

(23) F'konformità mal-Linji Gwida Tekniċi dwar il-proċedura tal-istabbiliment tal-MRL, jenħtieġ li MRL stabbilit fil-qafas ta' applikazzjoni ta' tolleranza għall-importazzjoni ma jaqbiżx dak approvat fil-pajjiż tal-esportazzjoni.

(24) Għalhekk, jixraq li l-MRL jiġi stabbilit fil-livell stabbilit fl-Istati Uniti (0,7 mg/kg).

([6]) EFSA 2023. Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue levels and setting of import tolerances for flupyradifurone and DFA in various crops and animal commodities (*EFSA Journal* 2023; 21(7):8081. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8081).
EFSA 2023. Modification of the existing maximum residue levels and setting import tolerances for flupyradifurone and difluoroacetic acid (DFA) in various crops (*EFSA Journal* 2023, 21(12), e8423, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8423).

(25) L-Awtorità kkonkludiet li ġew isodisfatti r-rekwiżiti kollha tad-*data* fir-rigward tal-modifiki tal-MRLs għad-DFA fil-lumi, fl-ixkomp, fil-mandolin, fil-"frott taċ-ċitru, oħrajn", fil-macadamia, fil-"frott tal-għadma", fil-"frott tal-kannamieli", fl-avokado, fil-mango, fil-papaja, fil-"brassika bil-weraq", fl-ispraġ, fiż-żerriegħa tal-ġunġlien, fiż-żerriegħa tal-ġirasol, fil-qamħirrum, fil-ħafur, fis-segala, fil-pitravi taz-zokkor, fl-għeruq taċ-ċikwejra, fix-xaħam tal-ħnieżer, fil-fwied tal-ħnieżer, fix-xaħam tan-nagħaġ, fix-xaħam tal-mogħoż, u fi-xaħam tal-pollam u għall-flupiradifuron fil-"frott taċ-ċitru, oħrajn", fil-"frott tal-għadma", fil-"frott tal-kannamieli", fil-"frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor (minbarra t-tut)", fil-mango, fil-papaja, fil-"brassika bil-weraq", fil-"ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu", fiż-żerriegħa tal-ġunġlien, fiż-żerriegħa tal-ġirasol, fil-millieġ komuni, fil-ħafur, fis-segala, fil-"komoditajiet mill-ħnieżer" (minbarra l-muskolu tal-ħnieżer) u fl-għasel mitluba mill-applikanti u li l-modifiki lill-MRL mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi tal-valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp speċifiku tal-konsumatur Ewropew. B'din il-konklużjoni, l-Awtorità qieset l-aktar *data* reċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment fit-tul għal dawn is-sustanzi mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dawk is-sustanzi, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba l-konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma juru li hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

(26) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki proposti għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu.

(27) Barra minn hekk, minħabba żball klerikali, l-MRL għad-DFA f'"infużjonijiet erbali oħrajn minn kull parti oħra tal-pjanta" tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1842 ([7]). Għalhekk, huwa xieraq li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi kkoreġut billi jerġa' jiddaħħal l-MRL stabbilit qabel għad-DFA f'"infużjonijiet erbali oħrajn minn kull parti oħra tal-pjanta" fil-livell ta' 0,1 mg/kg.

(28) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(29) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.

(30) Sabiex tiġi permessa l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, għas-sustanzi attivi kollha koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(31) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jħejju rwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-emendi.

(32) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew introdotti fis-suq tal-Unjoni qabel it-30 ta' April 2025.

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1842 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal flupyradifurone u l-aċidu difluworoaċetiku f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 373, 21.10.2021, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1842/oj).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonni għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-aċidu difluworoaċetiku (DFA), għall-fluwopiram u għall-flupiradifuron huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	1,4-dimetil-naftalen (R) (F)	Aċidu difluworoa-ċetiku (DFA)	Fluwopiram (R)	Flupiradifuron
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0100000	**FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	0,05(+)			
0110000	**Frott taċ-ċitru**	(+)			
0110010	Grejpfrut	(+)	0,05	0,5	3
0110020	Larinġ	(+)	0,05	0,5	3
0110030	Lumi	(+)	**0,09**	0,9(+)	1,5
0110040	Xkomp	(+)	**0,09**	0,01 (*)	1,5
0110050	Mandolin	(+)	**0,09**	0,9(+)	1,5
0110990	Oħrajn (2)	(+)	**0,09**	0,01 (*)	**3**
0120000	**Ġewż tas-siġar**	(+)		0,03	0,02
0120010	Lewż	(+)	0,04		
0120020	Ġewż tal-Brażil	(+)	0,04		
0120030	Ġewż tal-anakardju	(+)	0,04		
0120040	Qastan	(+)	0,04		
0120050	Ġewż tal-Indi	(+)	0,04		
0120060	Ġellewż	(+)	0,04		
0120070	Macadamia	(+)	**0,3**		
0120080	Ġewż Amerikan	(+)	0,04		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	(+)	0,04		
0120100	Pistaċċi	(+)	0,04		
0120110	Ġewż	(+)	0,04		
0120990	Oħrajn (2)	(+)	0,04		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0130000	**Frott taż-żerriegħa**	(+)	0,2	0,8	0,6
0130010	Tuffieħ	(+)			
0130020	Lanġas	(+)			
0130030	Sfarġel	(+)			
0130040	Naspli	(+)			
0130050	Naspli tal-Ġappun	(+)			
0130990	Oħrajn (2)	(+)			
0140000	**Frott tal-għadma**	(+)			
0140010	Berquq	(+)	**0,3**	1,5	**1**
0140020	Ċiras (ħelu)	(+)	**0,15**	2	**2**
0140030	Ħawħ	(+)	**0,3**	1,5	**1,5**
0140040	Għanbaqar	(+)	**0,3**	0,6	**0,4**
0140990	Oħrajn (2)	(+)	**0,3**	0,01 (*)	**1,5**
0150000	**Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor**	(+)			
0151000	(a) **Għeneb**	(+)	0,15		3
0151010	Għeneb tal-mejda	(+)		2	
0151020	Għeneb għall-inbid	(+)		1,5	
0152000	(b) **Frawli**	(+)	0,3	2	0,4
0153000	(c) **Frott tal-kannamiela**	(+)	**0,07**	5	6
0153010	Tut	(+)			
0153020	Tut salvaġġ	(+)			
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	(+)			
0153990	Oħrajn (2)	(+)			
0154000	(d) **Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor**	(+)			
0154010	Mirtill	(+)	0,05	7	4
0154020	Cranberries	(+)	0,02 (*)	4	**0,7**
0154030	Ribes (iswed, aħmar u abjad)	(+)	0,02 (*)	4	**0,7**
0154040	Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)	(+)	0,02 (*)	4	**0,7**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0154050	Warda Skoċċiża	(+)	0,02 (*)	3	**0,7**
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	(+)	0,02 (*)	4	**0,7**
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	**0,7**
0154080	Frott tas-sebuqa	(+)	0,02 (*)	4	**0,7**
0154990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)	3	**0,7**
0160000	**Frott mixxellanju**	(+)			
0161000	(a) **Qoxra li tittiekel**	(+)		0,01 (*)	
0161010	Tamal	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161020	Tin	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161030	Żebbuġ tal-mejda	(+)	0,15		5
0161040	Lariġ tal-qsari	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161050	Karambola	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161060	Kaki	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0161990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0162000	(b) **Qoxra li ma tittikilx, u żgħira**	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar u isfar)	(+)			
0162020	Liċċi	(+)			
0162030	Frott tal-passjoni	(+)			
0162040	Bajtar tax-xewk	(+)			
0162050	Tuffieħ stilla	(+)			
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	(+)			
0162990	Oħrajn (2)	(+)			
0163000	(c) **Qoxra li ma tittikilx, kbira**	(+)			
0163010	Avokado	(+)	**0,15**	0,01 (*)	0,6
0163020	Banana	(+)	0,02 (*)	0,8(+)	0,01 (*)
0163030	Mango	(+)	**0,2**	0,01 (*)	**0,7**
0163040	Papaja	(+)	**0,2**	0,01 (*)	**0,4**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0163050	Rummien	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163060	Ċerimoja	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163070	Gwava	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163080	Ananas	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163100	Durian	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163110	Frott tal-annona	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0163990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	(+)			
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tuberi**				
0211000	(a) **Patata**	**20**	0,2	0,08	0,05
0212000	(b) **Ħxejjex tropikali mill-għeruq u tuberi**	0,05(+)	0,2		0,05
0212010	Għeruq tal-kassava	(+)		0,06(+)	
0212020	Patata ħelwa	(+)		0,15(+)	
0212030	Jammijiet	(+)		0,15(+)	
0212040	Ararut	(+)		0,06(+)	
0212990	Oħrajn (2)	(+)		0,01 (*)	
0213000	(c) **Ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi taz-zokkor**	0,05(+)	0,4		0,9
0213010	Pitravi	(+)		0,2(+)	
0213020	Zunnarija	(+)		0,4(+)	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	(+)		0,4(+)	
0213040	Għeruq tal-mustarda	(+)		0,4(+)	
0213050	Artiċokks	(+)		0,4(+)	
0213060	Zunnarija bajda	(+)		0,4(+)	
0213070	Tursin ta' Hamburg	(+)		0,4(+)	
0213080	Ravanell	(+)		0,4(+)	
0213090	Leħjet il-bodbod	(+)		0,4(+)	
0213100	Swedes	(+)		0,4(+)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0213110	Lift	(+)		0,4(+)	
0213990	Oħrajn (2)	(+)		0,4	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,05(+)	0,15		0,01 (*)
0220010	Tewm	(+)		0,07	
0220020	Basal	(+)		0,07	
0220030	Xalotti	(+)		0,07	
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	(+)		3(+)	
0220990	Oħrajn (2)	(+)		0,07	
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	0,05(+)			
0231000	(a) **Solanaceae u Malvaceae**	(+)			
0231010	Tadam	(+)	0,4	0,5(+)	0,7
0231020	Bżar ħelu	(+)	0,9	2	0,9
0231030	Brunġiel	(+)	0,9	0,4	1
0231040	Bamja	(+)	0,4	0,01 (*)	0,9
0231990	Oħrajn (2)	(+)	0,15	0,01 (*)	0,01 (*)
0232000	(b) **Kukurbiti b'qoxra li tittiekel**	(+)	0,7	0,6	0,6
0232010	Ħjar	(+)			
0232020	Ħjar tal-pikles	(+)			
0232030	Zukkini	(+)			
0232990	Oħrajn (2)	(+)			
0233000	(c) **Kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**	(+)			
0233010	Bettieħ	(+)	0,3	0,9(+)	0,01 (*)
0233020	Qara' aħmar	(+)	0,3	0,4	0,01 (*)
0233030	Dulliegħ	(+)	0,15	0,4(+)	0,15
0233990	Oħrajn (2)	(+)	0,15	0,01 (*)	0,01 (*)
0234000	(d) **Qamħirrum ħelu**	(+)	0,2	0,02(+)	0,05
0239000	(e) **Ħxejjex tal-frott oħrajn**	(+)	0,15	0,01 (*)	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0240000	**Ħxejjex tal-brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-weraq żgħar tal-brassika)**	0,05(+)			
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	(+)	0,7		0,6
0241010	Brokkli	(+)		0,5(+)	
0241020	Pastard	(+)		0,3(+)	
0241990	Oħrajn (2)	(+)		0,3	
0242000	(b) **Kaboċċi kkapoċċati**	(+)			
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	(+)	0,4	0,4(+)	0,09
0242020	Kaboċċi kkapoċċati	(+)	0,4	0,3(+)	0,3
0242990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)	0,3	0,01 (*)
0243000	(c) **Brassika bil-weraq**	(+)	**0,7**		**4**
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	(+)		2(+)	
0243020	Kaboċċi ("kales")	(+)		0,15(+)	
0243990	Oħrajn (2)	(+)		2	
0244000	(d) **Ġdur**	(+)	0,4	0,15(+)	0,09
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	0,05(+)			
0251000	(a) **Ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	(+)			
0251010	Ħass tal-ħaruf	(+)	0,3	20	6
0251020	Ħass	(+)	0,2	15	6
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	(+)	0,08	2(+)	0,07
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	(+)	0,3	20	6
0251050	Krexxuni tal-art	(+)	0,3	2(+)	6
0251060	Aruka	(+)	0,3	20	6
0251070	Mustarda ħamra	(+)	0,3	2(+)	6
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	(+)	0,3	20	6
0251990	Oħrajn (2)	(+)	0,3	0,01 (*)	6
0252000	(b) **Spinaċi u weraq simili**	(+)	0,3		6
0252010	Spinaċi	(+)		2(+)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0252020	Burdlieq	(+)		20	
0252030	Weraq tas-selq	(+)		2(+)	
0252990	Oħrajn (2)	(+)		0,01 (*)	
0253000	(c) **Weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	(+)	0,04	0,01 (*)	0,03(+)
0254000	(d) **Krexxuni**	(+)	0,08	0,15(+)	0,07
0255000	(e) **Ċikwejra**	(+)	0,08	0,3	0,07
0256000	(f) **Ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	(+)	0,3		**40**
0256010	Maxxita	(+)		6	
0256020	Kurrat salvaġġ	(+)		6	
0256030	Weraq tal-karfus	(+)		6	
0256040	Tursin	(+)		6	
0256050	Salvja	(+)		6	
0256060	Klin	(+)		6	
0256070	Timu	(+)		6	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	(+)		60	
0256090	Weraq tar-rand	(+)		6	
0256100	Stregun	(+)		6	
0256990	Oħrajn (2)	(+)		0,01 (*)	
0260000	**Legumi**	0,05(+)			
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	(+)	0,9	3	0,5
0260020	Fażola (bla mżiewed)	(+)	1	0,15	0,4
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	(+)	0,9	3	0,5
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	(+)	1	0,15	0,4
0260050	Għads	(+)	1	0,15	0,4
0260990	Oħrajn (2)	(+)	0,4	0,01 (*)	0,01 (*)
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0,05(+)			0,01 (*)
0270010	Spraġ	(+)	**0,5**	0,01 (*)	
0270020	Kardun	(+)	0,2	0,01 (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0270030	Krafes	(+)	0,2	20	
0270040	Bużbież ta' Firenze	(+)	0,2	0,01 (*)	
0270050	Qaqoċċ	(+)	0,2	4(+)	
0270060	Kurrat	(+)	0,2	0,8(+)	
0270070	Rabarbru	(+)	0,2	0,01 (*)	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù	(+)	0,2	0,01 (*)	
0270090	Qlub tal-palm	(+)	0,2	0,01 (*)	
0270990	Oħrajn (2)	(+)	0,2	0,01 (*)	
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,05(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	(+)			
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	(+)			
0280990	Ħażiż u likeni	(+)			
0290000	**Algi u organiżmi prokarjoti**	0,05(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**	0,05(+)	3	0,5	3
0300010	Fażola	(+)			
0300020	Għads	(+)			
0300030	Piżelli	(+)			
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	(+)			
0300990	Oħrajn (2)	(+)			
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	0,05(+)			
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	(+)			
0401010	Żerriegħa tal-kittien	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401020	Karawett	(+)	0,06	0,02	0,04
0401030	Żerriegħa tal-peprin	(+)	0,05	0,4	0,01 (*)
0401040	Ġulġlien	(+)	**0,9**	0,01 (*)	**3**
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	(+)	**0,15**	0,7	**0,7**
0401060	Żerriegħa tal-lift	(+)	0,3	1	0,3

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0401070	Fażola tas-sojja	(+)	0,7	0,2	1,5
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	(+)	0,3	0,4	0,3
0401090	Żerriegħa tal-qoton	(+)	0,08	0,8	0,8
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	(+)	0,05	**0,4**	0,01 (*)
0401110	Żerriegħa tal-għosfor	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401140	Qannebusa	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0401990	Oħrajn (2)	(+)	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	(+)		0,01 (*)	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	(+)	0,15		5
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0402040	Kapok	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0402990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)		0,01 (*)
0500000	**ĊEREALI**	0,05(+)			
0500010	Xgħir	(+)	0,8	0,2	3
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	(+)	0,3	0,02(+)	0,01 (*)
0500030	Qamħirrum	(+)	**0,15**	0,02(+)	0,02
0500040	Millieġ komuni	(+)	0,3	0,02(+)	**0,02**
0500050	Ħafur	(+)	**0,8**	0,2	**3**
0500060	Ross	(+)	0,3	0,02	0,01 (*)
0500070	Segala	(+)	**1,5**	0,07	**1**
0500080	Sorgu	(+)	0,3	4	3
0500090	Qamħ	(+)	1,5	0,9	1
0500990	Oħrajn (2)	(+)	0,3	0,01 (*)	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	0,05(+)			
0610000	**Tejiet**	(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0620000	**Kafeni**	(+)	0,2	0,05 (*)	1
0630000	**Infusjonijiet erbali minn**	(+)	**0,1** (*)		0,05 (*)
0631000	(a) **Fjuri**	(+)		40	
0631010	Kamumella	(+)			
0631020	Ibisku	(+)			
0631030	Ward	(+)			
0631040	Ġiżimin	(+)			
0631050	Tilju	(+)			
0631990	Oħrajn (2)	(+)			
0632000	(b) **Weraq u ħxejjex aromatiċi**	(+)		40	
0632010	Frawli	(+)			
0632020	Rooibos	(+)			
0632030	Matè/te tal-Paragwaj	(+)			
0632990	Oħrajn (2)	(+)			
0633000	(c) **Għeruq**	(+)		1	
0633010	Valerjana	(+)		(+)	
0633020	Ġinseng	(+)		(+)	
0633990	Oħrajn (2)	(+)			
0639000	(d) **Kull parti oħra tal-pjanta**	(+)		0,05 (*)	
0640000	**Żerriegħa tal-kawkaw**	(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0650000	**Ħarrub**	(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0700000	**ĦOPS**	0,05(+)	0,3	60	10
0800000	**ĦWAWAR**	(+)			
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05(+)	0,1 (*)		0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	(+)		0,05 (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0810020	Kemmun iswed	(+)		0,05 (*)	
0810030	Karfus	(+)		0,05 (*)	
0810040	Kosbor	(+)		0,05 (*)	
0810050	Kemmun	(+)		0,05 (*)	
0810060	Xibt	(+)		70	
0810070	Bużbież	(+)		0,05 (*)	
0810080	Fienu	(+)		0,05 (*)	
0810090	Noċemuskata	(+)		0,05 (*)	
0810990	Oħrajn (2)	(+)		0,05 (*)	
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0,05(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	(+)			
0820020	Bżar tas-Sichuan	(+)			
0820030	Karwija	(+)			
0820040	Kardamomu	(+)			
0820050	Frott tal-ġnibru	(+)			
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	(+)			
0820070	Vanilja	(+)			
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	(+)			
0820990	Oħrajn (2)	(+)			
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0830010	Kannella	(+)			
0830990	Oħrajn (2)	(+)			
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	(+)			
0840010	Għud is-sus	0,05(+)	0,1 (*)	1(+)	0,05 (*)
0840020	Ġinġer (10)	(+)			
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05(+)	0,1 (*)	1(+)	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	(+)			
0840990	Oħrajn (2)	0,05(+)	0,1 (*)	1	0,05 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	(+)			
0850020	Kappar	(+)			
0850990	Oħrajn (2)	(+)			
0860000	**Ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	(+)			
0860990	Oħrajn (2)	(+)			
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0,05(+)	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	(+)			
0870990	Oħrajn (2)	(+)			
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,05(+)			0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu	(+)	**0,09**	0,1(+)	
0900020	Kannamieli	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	(+)	**0,09**	0,1(+)	
0900990	Oħrajn (2)	(+)	0,02 (*)	0,01 (*)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**				
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin**				
1011000	(a) **Ħnieżer**				
1011010	Muskoli	0,03	0,15	0,1	0,03
1011020	Xaħam	**0,3**	**0,2**	0,09	**0,02**
1011030	Fwied	1,5	**0,1**	0,5	**0,1**
1011040	Kliewi	1,5	0,2	0,08	**0,15**
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	1,5	0,2	0,5	**0,15**
1011990	Oħrajn (2)	1,5	0,2	0,02 (*)	**0,15**
1012000	(b) **Annimali bovini**				
1012010	Muskoli	**0,03**	0,4	0,15	0,3
1012020	Xaħam	**0,5**	0,5	0,15	0,2

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1012030	Fwied	**2**	0,4	0,8	1
1012040	Kliewi	**2**	0,5	0,15	1
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**2**	0,5	0,8	1
1012990	Oħrajn (2)	**2**	0,5	0,02 (*)	1
1013000	(c) **Nagħaġ**				
1013010	Muskoli	**0,03**	0,2	0,15	0,3
1013020	Xaħam	**0,6**	**0,3**	0,15	0,2
1013030	Fwied	**3**	0,15	0,8	1
1013040	Kliewi	3	0,3	0,15	1
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**	0,3	0,8	1
1013990	Oħrajn (2)	**3**	0,3	0,02 (*)	1
1014000	d) **Mogħoż**				
1014010	Muskoli	**0,03**	0,2	0,15	0,3
1014020	Xaħam	**0,6**	**0,3**	0,15	0,2
1014030	Fwied	**3**	0,15	0,8	1
1014040	Kliewi	3	0,3	0,15	1
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**3**	0,3	0,8	1
1014990	Oħrajn (2)	**3**	0,3	0,02 (*)	1
1015000	(e) **Ekwini**				
1015010	Muskoli	**0,03**	0,4	0,15	0,3
1015020	Xaħam	**0,5**	0,5	0,15	0,2
1015030	Fwied	**2**	0,4	0,8	1
1015040	Kliewi	**2**	0,5	0,15	1
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**2**	0,5	0,8	1
1015990	Oħrajn (2)	**2**	0,5	0,02 (*)	1
1016000	(f) **Pollam**				0,01 (*)
1016010	Muskoli	**0,3**	0,15	0,07	

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2640/oj

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1016020	Xaħam	**1,5**	**0,04**	0,07	
1016030	Fwied	**1,5**	0,3	0,3	
1016040	Kliewi	**1,5**	0,02 (*)	0,02 (*)	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**1,5**	0,02 (*)	0,3	
1016990	Oħrajn (2)	**1,5**	0,02 (*)	0,02 (*)	
1017000	(g) **Annimali oħrajn tar-razzett**				
1017010	Muskoli	**0,03**	0,4	0,15	0,3
1017020	Xaħam	**0,5**	0,5	0,15	0,2
1017030	Fwied	**2**	0,4	0,8	1
1017040	Kliewi	**2**	0,5	0,15	1
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**2**	0,5	0,8	1
1017990	Oħrajn (2)	**2**	0,5	0,02 (*)	1
1020000	**Ħalib**	**0,3**			
1020010	Bhejjem tal-ifrat		0,07	0,07	0,15
1020020	Nagħaġ		0,03	0,06	0,15
1020030	Mogħoż		0,03	0,06	0,15
1020040	Żwiemel		0,03	0,07	0,01 (*)
1020990	Oħrajn (2)		0,03	0,02 (*)	0,01 (*)
1030000	**Bajd tal-għasafar**	**0,4**	0,1	0,15	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ				
1030020	Papri				
1030030	Wiżż				
1030040	Summien				
1030990	Oħrajn (2)				
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	**2**
1050000	**Anfibji u rettili**	0,2	0,02 (*)	0,02 (*)	0,01 (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,2	0,02 (*)	0,02 (*)	0,01 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1070000	**Annimali terrestri vertebrati slavaġ**	0,2	0,02 (*)	0,02 (*)	0,01 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**				
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**				
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**				

(*) Jindika l-limitu minimu ta' determinazzjoni analitika.
([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.
(+) Kombinament ta' pestiċidi u ta' prodotti li għalih teżisti nota f'qiegħ il-paġna. Il-lista tan-noti f'qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt.

1,4-dimetilnaftalen (R) (F)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinamenti li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: 1,4-dimetilnaftalen - kodiċi 1000000 minbarra 1040000: Is-somma tal-1,4-dimetilnaftalen u tal-metabolit tiegħu M23 ħieles u kkonjugat, espressa bħala 1,4-dimetilnaftalen
(F) Solubbli fix-xaħam

Hemm evidenza li l-1,4-dimetilnaftalen tista' tokkorri naturalment f'ċerti komposti tal-pjanti. Abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ disponibbli bħalissa, huwa stabbilit MRL temporanju għal valur ta' 0,05 mg/kg sakemm titressaq aktar *data* ta' monitoraġġ biex dan jiġi kkonfermat. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni, jekk titressaq sat-2 ta' Awwissu 2024 jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas tagħha.

0100000 FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR
0110000 Frott taċ-ċitru
0110010 Grejpfrut
0110020 Larinġ
0110030 Lumi
0110040 Xkomp
0110050 Mandolin
0110990 Oħrajn (2)
0120000 Ġewż tas-siġar
0120010 Lewż
0120020 Ġewż tal-Brażil
0120030 Ġewż tal-anakardju
0120040 Qastan
0120050 Ġewż tal-Indi
0120060 Ġellewż
0120070 Macadamia
0120080 Ġewż Amerikan
0120090 Qlub tal-ġewż tal-arżnu
0120100 Pistaċċi
0120110 Ġewż
0120990 Oħrajn (2)
0130000 Pomu
0130010 Tuffieħ
0130020 Langas
0130030 Sfarġel
0130040 Naspli
0130050 Naspli tal-Ġappun

0130990 Oħrajn (2)
0140000 Frott tal-għadma
0140010 Berquq
0140020 Ċiras (ħelu)
0140030 Ħawħ
0140040 Għanbaqar
0140990 Oħrajn (2)
0150000 Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor
0151000 (a) Għeneb
0151010 Għeneb tal-mejda
0151020 Għeneb tal-inbid
0152000 (b) Frawli
0153000 (c) Frott tal-kannamiela
0153010 Tut
0153020 Tut salvaġġ
0153030 Lampun (aħmar u isfar)
0153990 Oħrajn (2)
0154000 (d) Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor
0154010 Mirtill
0154020 Cranberries
0154030 Ribes (iswed, aħmar u abjad)
0154040 Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)
0154050 Warda Skoċċiża
0154060 Ċawsli (iswed u abjad)
0154070 Għanżalor/naspli tal-Mediterran
0154080 Frott tas-sebuqa
0154990 Oħrajn (2)
0160000 Frott mixxellanju
0161000 (a) Qoxra li tittiekel
0161010 Tamal
0161020 Tin
0161030 Żebbuġ tal-mejda
0161040 Lariġ tal-qsari
0161050 Karambola
0161060 Kaki
0161070 Għanbaqar ta' Ġava
0161990 Oħrajn (2)
0162000 (b) Qoxra li ma tittikilx, u żgħira
0162010 Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar u isfar)
0162020 Liċċi
0162030 Frott tal-passjoni
0162040 Bajtar tax-xewk
0162050 Tuffieħ stilla
0162060 Frott tal-kaki tal-Virġinja
0162990 Oħrajn (2)
0163000 (c) Qoxra li ma tittikilx, kbira
0163010 Avokado
0163020 Banana
0163030 Mango
0163040 Papaja
0163050 Rummien
0163060 Ċerimoja

0163070 Gwava
0163080 Ananas
0163090 Frotta tas-siġra tal-ħobż
0163100 Durjan
0163110 Frott tal-annona
0163990 Oħrajn (2)
0200000 ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT
0210000 Ħxejjex tal-għeruq u tuberi
0212000 (b) Ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi
0212010 Għeruq tal-kassava
0212020 Patata ħelwa
0212030 Jammijiet
0212040 Ararut
0212990 Oħrajn (2)
0213000(c) Ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi taz-zokkor
0213010 Pitravi
0213020 Karrotti
0213030 Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi
0213040 Għeruq tal-mustarda
0213050 Artiċokks
0213060 Zunnarija bajda
0213070 Tursin ta' Hamburg
0213080 Ravanell
0213090 Leħjet il-bodbod
0213100 Swedes
0213110 Lift
0213990 Oħrajn (2)
0220000 Ħxejjex tal-basla
0220010 Tewm
0220020 Basal
0220030 Xalotti
0220040 Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales
0220990 Oħrajn (2)
0230000 Ħxejjex tal-frott
0231000 (a) Solanaceae u Malvaceae
0231010 Tadam
0231020 Bżar ħelu
0231030 Brunġiel
0231040 Bamja
0231990 Oħrajn (2)
0232000 (b) Kukurbiti b'qoxra li tittiekel
0232010 Ħjar
0232020 Ħjar tal-pikles
0232030 Zukkini
0232990 Oħrajn (2)
0233000 (c) Kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx
0233010 Bettieħ
0233020 Qara' aħmar
0233030 Dulliegħ
0233990 Oħrajn (2)
0234000 (d) Qamħirrum ħelu
0239000 (e) Ħxejjex tal-frott oħrajn

0240000 Ħxejjex tal-brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-weraq żgħar tal-brassika)
0241000 (a) Brassika li tagħmel il-fjuri
0241010 Brokkoli
0241020 Pastard
0241990 Oħrajn (2)
0242000 (b) Kaboċċi kkapoċċati
0242010 Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk
0242020 Kaboċċi kkapoċċati
0242990 Oħrajn (2)
0243000 (c) Brassika bil-weraq
0243010 Kaboċċi Ċiniżi
0243020 Kaboċċi ("kales")
0243990 Oħrajn (2)
0244000 (d) Ġdur
0250000 Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu
0251000 (a) Ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata
0251010 Ħass tal-ħaruf
0251020 Ħass
0251030 Skalora/indivja bil-weraq wesgħin
0251040 Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn
0251050 Krexxuni tal-art
0251060 Aruka
0251070 Mustarda ħamra
0251080 Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)
0251990 Oħrajn (2)
0252000 (b) Spinaċi u weraq simili
0252010 Spinaċi
0252020 Burdlieq
0252030 Weraq tas-selq
0252990 Oħrajn (2)
0253000 (c) Weraq tad-dwieli u speċijiet simili
0254000 (d) Krexxuni
0255000 (e) Ċikwejra
0256000 (f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu
0256010 Maxxita
0256020 Kurrat salvaġġ
0256030 Weraq tal-karfus
0256040 Tursin
0256050 Salvja
0256060 Klin
0256070 Timu
0256080 Ħabaq u fjuri li jittieklu
0256090 Weraq tar-rand
0256100 Stregun
0256990 Oħrajn (2)
0260000 Legumi
0260010 Fażola (bl-imżiewed)
0260020 Fażola (bla mżiewed)
0260030 Piżelli (bl-imżiewed)
0260040 Piżelli (bla mżiewed)
0260050 Għads
0260990 Oħrajn (2)

0270000 Ħxejjex biz-zokk
0270010 Spraġ
0270020 Kardun
0270030 Krafes
0270040 Bużbież ta' Firenze
0270050 Qaqoċċ
0270060 Kurrat
0270070 Rabarbru
0270080 Rimi tal-pjanta tal-bambù
0270090 Qlub tal-palm
0270990 Oħrajn (2)
0280000 Faqqiegħ, ħażiż u likeni
0280010 Faqqiegħ ikkultivat
0280020 Faqqiegħ salvaġġ
0280990 Faqqiegħ, ħażiż u likeni
0290000 Algi u organiżmi prokarjoti
0300000 BUS U ĦEMES
0300010 Fażola
0300020 Għads
0300030 Piżelli
0300040 Lupini/fażola tal-lupini
0300990 Oħrajn (2)
0400000 ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT
0401000 Żrieragħ taż-żejt
0401010 Żerriegħa tal-kittien
0401020 Karawett
0401030 Żerriegħa tal-peprin
0401040 Ġulġlien
0401050 Żerriegħa tal-ġirasol
0401060 Żerriegħa tal-lift
0401070 Fażola tas-sojja
0401080 Żerriegħa tal-mustarda
0401090 Żerriegħa tal-qoton
0401100 Żerriegħa tal-qara' aħmar
0401110 Żrieragħ tal-għosfor
0401120 Żerriegħa tal-fidloqqom
0401130 Żerriegħa tal-camelina sativa
0401140 Qannebusa
0401150 Fażola tar-riġnu
0401990 Oħrajn (2)
0402000 Frott taż-żejt
0402010 Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt
0402020 Qlub tal-palm taż-żejt
0402030 Frott tal-palm taż-żejt
0402040 Kapok
0402990 Oħrajn (2)
0500000 ĊEREALI
0500010 Xgħir
0500020 Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn
0500030 Qamħirrum
0500040 Millieġ komuni
0500050 Ħafur

0500060 Ross
0500070 Segala
0500080 Sorgu
0500090 Qamħ
0500990 Oħrajn (2)
0600000 TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB
0610000 Tejiet
0620000 Kafeni
0630000 Infusjonijiet erbali minn
0631000 (a) Fjuri
0631010 Kamumella
0631020 Ibisku
0631030 Ward
0631040 Ġiżimin
0631050 Tilju
0631990 Oħrajn (2)
0632000 (b) Weraq u ħxejjex aromatiċi
0632010 Frawli
0632020 Rooibos
0632030 Matè/Te tal-Paragwaj
0632990 Oħrajn (2)
0633000 (c) Għeruq
0633010 Valerjana
0633020 Ġinseng
0633990 Oħrajn (2)
0639000 (d) Kull parti oħra tal-pjanta
0640000 Żerriegħa tal-Kawkaw
0650000 Ħarrub
0700000 ĦOPS
0800000 ĦWAWAR
0810000 Ħwawar taż-żerriegħa
0810010 Ħlewwa
0810020 Kemmun iswed
0810030 Karfus
0810040 Kosbor
0810050 Kemmun
0810060 Xibt
0810070 Bużbież
0810080 Fienu
0810090 Noċemuskata
0810990 Oħrajn (2)
0820000 Ħwawar tal-frott
0820010 Bżar tal-Ġamajka/piment
0820020 Bżar tas-Sichuan
0820030 Karwija
0820040 Kardamomu
0820050 Frott tal-ġnibru
0820060 Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)
0820070 Vanilja
0820080 Tamar tal-Indja/tamarindi
0820990 Oħrajn (2)
0830000 Ħwawar tal-qoxra tas-siġar

0830010 Kannella
0830990 Oħrajn (2)
0840000 Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi
0840010 Għud is-sus
0840020 Ġinġer (10)
0840030 Żagħfran tal-Indja/kurkuma
0840040 Għerq tal-mustarda (11)
0840990 Oħrajn (2)
0850000 Ħwawar tal-blanzuni
0850010 Imsiemer tal-qronfol
0850020 Kappar
0850990 Oħrajn (2)
0860000 Ħwawar ta' qalb il-fjura
0860010 Żagħfran
0860990 Oħrajn (2)
0870000 Ħwawar tal-aril
0870010 Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata
0870990 Oħrajn (2)
0900000 PJANTI TAZ-ZOKKOR
0900010 Pitravi taz-zokkor
0900020 Kannamieli
0900030 Għeruq taċ-Ċikwejra
0900990 Oħrajn (2)

Fluwopiram (R)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinamenti li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: Fluwopiram — il-kodiċi 1000000 minbarra 1040000: Is-somma tal-fluwopiram u tal-fluwopiram -benżammid (M25) espressa bħala fluwopiram

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-16 ta' April 2023, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas ta' dik l-informazzjoni.

0110030 Lumi
0110050 Mandolin
0163020 Banana
0220040 Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales
0231010 Tadam
0233010 Bettieħ
0233030 Dulliegħ
0243010 Kaboċċi Ċiniżi
0251030 Skalora/indivja bil-weraq wesgħin
0251050 Krexxuni tal-art
0251070 Mustarda ħamra
0252010 Spinaċi
MRL idderivat mill-uċuħ tar-raba' tan-newba.
0212010 Għeruq tal-kassava
MRL idderivat mill-uċuħ tar-raba' tan-newba
0212020 Patata ħelwa
0212030 Jammijiet
0212040 Ararut
0213010 Pitravi

0213020 Karrotti
0213030 Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi
0213040 Għeruq tal-mustarda
0213050 Artiċokks
0213060 Zunnarija bajda
0213070 Tursin ta' Hamburg
0213080 Ravanell
0213090 Leħjet il-bodbod
0213100 Swedes
0213110 Lift
0234000 (d) Qamħirrum ħelu
0241010 Brokkoli
0241020 Pastard
0242010 Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk
0242020 Kaboċċi kkapoċċati
0243020 Kaboċċi ("kales")
0244000 (d) Ġdur
0254000 (d) Krexxuni
0500020 Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn
0500030 Qamħirrum
0500040 Millieġ komuni
0633010 Valerjana
0633020 Ġinseng
0840010 Għud is-sus
0840030 Żagħfran tal-Indja/kurkuma
0900010 Pitravi taz-zokkor
0900030 Għeruq taċ-Ċikwejra

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk titressaq sat-10 ta' Ottubru 2026, jew, jekk dik l-informazzjoni ma titressaqx sa dik id-data, se tqis in-nuqqas ta' dik l-informazzjoni

0252030 Weraq tas-selq
0270050 Qaqoċċ
0270060 Kurrat

Flupiradifuron

L-MRL għal dan il-prodott għandu japplika mill-10 ta' Mejju 2022

0253000 (c) Weraq tad-dwieli u speċijiet simili"